***Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2020

IT-TMIEN LEĠISLATURA

AĠENDA Numru 14

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 14 – Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali numru 14 li ser tinżamm permezz ta' video-conferencing nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju 2020 fit-8:00pm hekk kif stipulat f'Ċirkulari 2/2020.

IFFIRMATA

08/05/2020

Segretarju Eżekuttiv

---

14.01 **Mozzjoni dwar PC/00112/19 – Sit f'Hal Mula, Triq Michael Debono , Zebbug** ***"Proposed change in alignment to include a pedestrian public open space and alterations to the designated use within site."***

Din it-talba qiegħda ssir fuq art li hija meqjusa fil-Pjanti Lokali (Local Plans) tal-2006 bħala sit kommessa biss għal faċilitajiet komunitarji ġewwa Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li din it-tali talba proposta fil-Planning Control ta' PC/00112/19 qiegħda titlob li z-zona tinbidel f'waħda li tħalli żvilupp ta' residenzi ġodda. Meta wieħed jieħu f'konsiderazzjoni l-fatt li ġewwa Ħal Mula u prattikament Ħaż-Żebbuġ kollu, din hija l-unika art li fadal mhux żviluppata, u f'kuntest li Ħal Mula huwa diġà mibni sew, u li din l-art hija l-unika art ġewwa Ħaż-Żebbuġ kommessa fil-Pjanti Lokali tal-2006 bħala zona għal faċilitajiet komunitarji, b'hekk il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ għandu joġġezzjona bis-saħħa din it-talba li se tpoġġi interessi privati qabel il-ġid



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 111311,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

komuni ta' kulħadd f'Ħaż-Żebbuġ. Qiegħed titressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex:

1) Il-Kunsill Lokali joġġezzjona PC/00112/19 fuq bażi li hawn bżonn kbir li zona għal faċilitajiet komunitarji tibqa'. Mhuwiex aċċettabbli li l-ftit art li fadal titħalla titkompla titnaqqar minn interessi privati speċjalment meta preżentement għad fadal ħafna opportunitajiet oħrajn għall-iżvilupp ta' natura residenzjali bħal din li qiegħda tiġi proposta, u allura m'hemmx ġustifikazzjoni għalfejn din l-art għandha wkoll tittieħed mill-komunità.

2) Il-Kunsill Lokali jipproponi li l-art kommessa għal faċilitajiet komunitarji tiġi żviluppata f'taħlita ta' swali u kmamar għal skopijiet edukattivi u soċjali, li jintużaw mill-għaqdiet lokali, il-Kunsill u r-residenti stess, u jinħoloq pulmun aħdar fi forma ta' ġnien, tant bżonjuż f'din iz-zona għall-familji li jgħixu fil-madwar.

3) Kunsill Lokali għandu jinforma l-pubbliku fejn jiġi mħeġġeġ jopponi din il-proposta fuq bażi individwali ukoll.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 111311,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*